# IL-QANPIENA

Awwissu 2011 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 362

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### Min Huma l-Qaddisin?

Min huma l-Qaddisin? Quddiem din il-mistoqsija jista' jiġrilna li nimmaġinaw li l-qaddisin huma xi nies differenti mill-bqija tal-bnedmin. Jiġifieri kienu nies li ma jiżbaljawx, li ma ssibx xi tgħid fihom. Tibda taħseb li dawn ma għixux fid-dinja.

Mentri l-qaddisin għixu bħalna. Il-Knisja ħasbet li jkun xieraq li tagħti ġieħ **lill-qaddisin, jiġifieri dawn f'ħajjithom fittxew lil Alla, ħabbewH u ħadmu biex is-saltna Tiegħu tikber fid-dinja. Dan il-Knisja tagħmlu biex il-qaddisin ikunu għalina mudell li jispiraw lilna fil-ħajja Nisranija tagħna.**

Minn dan li għidt hawn fuq, nixtieq nieħu spunt biex **nirriflettu fuq is-sens veru u proprju tal-festa li f'dan ix-xahar aħna l-Karkariżi nagħtu ġieħ lil Santa Elena.**

L-Insara li jridu jiċċelebraw festa xierqa u dinjituża, jridu jiċċelebraw b'sens tassew ġenwin. B'dan ma rridx niftiehem li l-festi esterni u l-ferħ li jġibu magħhom huma ħżiena. Sakemm dawn isiru bil-qies u sewwa għandhom valur ukoll.

Iżda bħala nsara ma rridux nieqfu f'dak li hu estern inkella nispiċċaw nagħmlu festi għall-gost tagħna. Il-festa trid tkun mument li fiha il-**Komunita' Parrokkjali tingħaqad aktar biex tagħti glorja lil Alla u ġieħ lil Santa Elena. Inħeġġu għalhekk lil membri tal-Parroċċa biex nieħdu sehem aktar fiċ-ċelebrazzjonijiet Liturgiċi.**

**Nawgura minn qalbi lil Karkariżi kollha festa tassew Nisranija li tagħti ġieħ veru lil Patruna tagħna Santa Elena. Viva Santa Elena.**

Tislijiet,

***DUN ANTON***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304
Tel. 21444725
Fax. 21445540
sthelenparish@gmail.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci
Dun Charles Carmel Attard

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-4.15pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).
**Rużarju:**
Kuljum fit-8.15am u fis-6.00pm

You and your loved ones deserve the best.




Residential & Nursing Home

Pope Alexander VII Junction, Balzan
Tel:- 2149 6277 / 2147 0677 / 9985 8792

www.casa-antonia.com.mt

# Programm tal-Festa Solenni f'ġieħ il-Patruna Santa Elena Imp. Aug. fil-Kolleġġjata u Bażilika ta' Birkirkara - 2011

**It-Tnejn 8 ta' Awwissu, bi Preparazzjoni għall-Festa**

**7.00pm** Ċelebrazzjoni Penitenzjali u wara fit-7.45p.m. Quddiesa fil-Bażilka, għall-membri fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, membri li jkunu jarmaw għall-Festa fosthom il-membri tal-Grupp tal-Armar, tal-Banda Santa Elena, tal-Banda Duke of Connaught's Own, tal-Għaqda Piroteknika (Sta Elena), tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, tal-Fratellanzi, *helpers* antiki tal-Festa u dilettanti oħra.

**It-Tlieta 9 ta' Awwissu: Għar-Residenti tal-Area ta' Triq Olaf Gollcher (il-parti ta' fuq) bi preparazzjoni għall-Festa**

**7.30pm** QUDDIESA fi Triq Olaf Gollcher (il-parti magħluqa) għall-familji f'dawk l-inħawi. Wara "Get Together" fil-post.

**L-Erbgħa 10 ta' Awwissu: Għar-Residenti tal-Area ta' Triq is-Salib Imqaddes bi preparazzjoni għall-Festa**

**7.30pm** QUDDIESA fi Triq is-Salib Imqaddes għall-familji f'dawk l-inħawi. Wara "Get Together" fil-post.

**Il-Ħamis 11 ta' Awwissu: JUM L-EWKARISTIJA**

**6.30pm** Quddiesa mis-saċerdot Kan. Dekan Anton Mallia Borg

**7.00pm** Bażilka: Adorazzjoni madwar Gesu' Espost fl-Ewkaristija li titmexxa mis-Saċerdoti tal-Parroċċa.

**Il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu :**

**6.30pm** Bażilka: Quddiesa mmexxija mir-Rev Dun Nicholas Doublet b'suffraġju tal-mejtin tal-Parroċċa u l-benefatturi mejtin.

**Is-Sibt 13 ta' Awwissu: ĦRUĠ tal-Istatwa Artistika ta' Santa Elena min-Niċċa.**

**6.30pm** Quddiesa b'ringrazzjament għall-ħidma li twettqet matul din is-Sena, immexxija mir-Rev Prepostu Ar'ipriet Kan. Anton Cassar. Jingħata l-mandat lir-Reffiegħa tal-Vara. Isegwi l-Ħruġ Tradizzjonali ta' l-Istatwa ta' S.Elena, li tintlaqa fuq iz-zuntier mill-poplu Karkariż b'Innu mill-Banda Duke of Connaught's Own.

**It-Tlieta 16 ta' Awwissu: Jum it-Tfal**

**6.00pm** It-tfal jinġabru ħdejn il-Knisja ta' San Pawl minn fejn jingħata bidugħall-Purċissjoni ferriħija bl-Istatwa ta' S. Elena. Jieħdu sehem ukoll il-Bandisti żgħażagħ.

**7.00pm** Bażilika: Quddiesa animata mit-tfal stess. Iqaddes is-saċerdot Novell Dun Nicholas Dimech.

**L-Erbgħa 17 ta' Awwissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu: Jum l-Għaqdiet u Operaturi Pastorali**

**7.00pm** Quddiesa Konventwali kkonċelebrata bir-reċita tal-Għasar ippreseduta mir-Rev. Dun Nicholas Dimech.
Fit-tlett ijiem tat-Tridu jippriedka Rev.Fr Alan Scerri OSA, Kaptal-Iskola, Santu Wistin. Wara titkanta l-antifona u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika, immexxija mill-Kan Charles Gauci.

**Il-Ħamis 18 ta' Awwissu: JUM LITURĠIKU TA' SANTA ELENA U T-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**Jum Iddedikat għas-Saċerdoti u Reliġjużi Rġiel u Nisa minn Birkirkara jew li jaħdmu f'Birkirkara.**

**9.30am** Bażilika: Quddiesa għall-morda, anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali mmexxija mill-Kan. Dun Pawl Gauci. Jingħata s-Sagrament tal-Griżma, Id-Dilka tal-morda.

**7.00pm**. Bażilika: Quddiesa Konventwali kkonċelebrata bir-reċita tal-Għasar ippreseduta mir-Rev. Kan. Dun Charles Carmel Attard. Jippriedka Rev. Fr Alan Scerri OSA. Wara titkanta l-antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika immexxija mill-Kan.
Kantur Dun Guzepp Micallef.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu It-Tielet Jum tat-Tridu: JUM IL-FAMILJA. Il-Familji madwar S. Elena.**

Mistiedna l-koppji li għalqu 10, 25, 40, 50, u 60 sena miżżewġin.

**7.00pm** Bażilika: Quddiesa Konventwali kkonċelebrata bir-reċita tal-Għasar ippreseduta mir-Rev. Kan. Dun Vincenz Demicoli, aġent Prokuratur tal-Festa. Jippriedka Rev. Fr. Alan Scerri OSA. Wara titkanta l-antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika immexxija mill-Kan. Karm Busuttil.

**Is-Sibt 20 ta' Awwissu: Lejlet il-Festa tal-Qaddisa Patruna.**

| | |
|---|---|
| **8.30am** | Bażilika: Reċita korali tal-Liturġija tas-Sigħat mill-Kapitlu Elenjan. |
| **9.00am** | Kant Solenni tal-Martiroloġju. |
| **9.15am** | Konċelebrazzjoni Solenni ppreseduta mill-Kan.Kantur Dun Guzepp Micallef u Kant Solenni tat-Te Deum. |
| **5.15pm** | Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Kan. Joseph Debono. |
| **6.20pm** | Wasla tal-mistednin distinti fosthom l-E.T. il-President Dr.George Abela, l-E.T. il-President Emeritus Dr.Edward Fenech Adami, Membri Parlamentari tad-Distrett u s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. |
| **6.25pm** | Wasla fil-Kolleġġjata Bażilika tar-Rev.mu Prepostu-Arċipriet Kan. Anton Cassar. |
| **6.30pm** | Transulazzjoni Solenni u r-reċita tal-Primi Vespri ppreseduti mir-Revmu. Prepostu-Arċipriet assistit mir-Revmu. Kapitlu Elenjan, flimkien mas-Saċerdoti u Reliġjużi Karkariżi, Kavallieri tas-Santu Sepulkru ta' Gerusalemm, abbatini u fratellanzi. Issegwi Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| **8.00pm** | Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Fr Martin Cilia MSSP, Rettur tal-Oratorju San Domenico Savio. |

**L-ĦADD 21 TA' AWWISSU - Jum il-Festa ta' Sant'Elena Imp.Aug.**

| | |
|---|---|
| **5.00am** | Quddiesa ċċelebrata mill-Kan Dun Charles Gauci. |
| **6.00am** | Quddiesa ċċelebrata minn Dun Lino Azzopardi, Kappillan ta' Santa Marija, Birkirkara. |
| **7.00am** | Quddiesa ċċelebrata minn Dun Josef Mifsud, Kappillan ta' San Gużepp Ħaddiem, Birkirkara. |
| **7.45am** | Laudi Prepositali u reċita ta' l-*Hora Media*. |
| **8.00am** | Proċessjoni Solenni bl-Istatwa maestuża ta' Santa Elena Imperatriċi Awgusta. Imexxi ir-Rev.mu Prepostu-Arċipriet Kan. Anton Cassar akkumpanjat mill-W.R.Kanonċi tal-Perinsinji Kolleġġjata Elenjana, Kleru, Reliġjużi, Kavalieri tas-Santu Sepulkru ta' Gerusalemm, abbatini u fratellanzi. Takkumpanja l-Banda Santa Elena. |
| **10.30am** | Dħul tal-Purċissjoni fil-Bażilika, kant tal-Antifona, bews tar-Relikwija tal-Qaddisa. Immedjatament tibda' l-Quddiesa Solenni Prepositali flimkien mar-Revmu. Kapitlu Elenjan. Jinseġ il-Paniġierku Rev. Mons. Lawrence Mifsud. |
| **6.00pm** | Quddiesa mir-Rev. Gwardjan Tonio Mifsud OFM Conv tal-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. |
| **7.00pm** | Sekondi Vespri ppreseduti mill-Ebdomodarju. |
| **7.45pm** | Ir-Revmu. Kapitlu tal-Perinsinji Kolleġġjata Elenjana joħroġ mill-Bażilika għad-Domus Curialis biex jakkumpanja lill-E.T. Rev.mu Mons. Arċisqof Paul Cremona O.P. sal-Kolleġġjata fejn issir ir-Repożizzjoni tar-Relikwija ta' Sant'Elena bil-kant ta' l-Antifona, segwita minn Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |

**Is-Sibt, 27 t'Awwissu**

| | |
|---|---|
| **6.30pm** | Quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq il-Festa. Wara id-dħul tal-istatwa fin-niċċa. |

***L-Orkesta u l-Kor, fil-Jiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel Grech.***

***BAŻILIKA: Lejlet il-Festa l-Bażilika tagħlaq fil-11.00pm u nhar il-festa fl-10.00pm.***

***AWLA KAPITULARI: Is-Sibt u l-Ħadd, tkun miftuħa bejn is-7.00p.m.u d-9.00pm.***

# Festa tal-Madonna tal-Ħerba



**L-Erbgħa 3 ta' Awwissu**

**6.30pm** Ċelebrazzjoni Marjana u fis-**7.00pm** Quddiesa għall-benefatturi ħajjin. Iqaddes Dun Nicholas Doublet.

**Il-Ħamis 4 ta' Awwissu**

**6.30pm** Ċelebrazzjoni Marjana u fis-**7.00pm** Quddiesa b'suffraġju tal-benefatturi mejtin. Iqaddes Dun Noel Borg.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu**

**6.30pm** Ċelebrazzjoni Marjana u **fis-7.00pm** Quddiesa ta' ringrazzjament u tiġdid tal-wegħdiet taż-Żwieg mill-koppji li żżewġu fis-Santwarju fl-2010 u 2011. Iqaddes is-saċerdot Novell Dun Nicholas Dimech.

**Is-Sibt 6 ta' Awwissu**

**4.30pm** Ċelebrazzjoni Marjana u fil-**5.00pm** Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu matul ix-xahar ta' Lulju. Iqaddes Dun Pawl Gauci.
**7.00pm**: Fuq iz-zuntier Quddiesa u preżentazzjoni tat-trabi lil Madonna. Iqaddes il-Prepostu Ar'ipriet Kan Anton Cassar.

**Il-Ħadd 7 ta' Awwissu**

**7.15am** Quddiesa
**6.00pm** Quddiesa Kantata bl-Omelija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi il-Kan.Charles Carmel Attard.

## Il-Vera Festa li jmissna niċċelebraw.

Il-Parruċċani kollha huma mistiedna għal kull jum tal-festa.
Il-fatt li kategoriji ta' nies ikollhom jum spe'jali għalihom ma jfissirx li ħaddieħor mhux mistieden jew li hu eskluż.

Inkunu veru għaqlin jekk nersqu lejn il-Knisja, nieħdu sehem fit-tifħir lil Alla u lil Santa Elena,u nersqu nqerru u nitqarbnu. Jekk il-festa ma timbuttanix biex insiru nsara aħjar, tista' ma tiġi xejn.

**L-iskop tal-festa hu li nagħtu qima lil Alla u lil Santa Elena.**

**Fil-jiem tat-Tridu tal-festa jkun hawn konfessuri barranin għal Qrar.**

---

### *Bukketti ta' Fjuri.......li ma jinxfux*

Minbarra l-bukketti ta' fjuri li jipoġġew fil-Knisja, se jkun hemm bukketti ta' fjuri li ma jinxfux. Il-Kapitlu ddeċieda li quddiem l-istatwa tal-Patruna Sant'Elena se jkun hemm żewġ notice boards apposta għall-cardsbl-ismijiet ta' min ta' l-offerta għad-Dar tal-Providenza, id-dar li l-Knisja tmexxi fejn hemm 'il fuq minn 80 persuna b'diżabilta'

Min jixtieq joffri €8.00 jew iżjed flok bukkett fjuri fiż-żmien tal-festa quddiem l-istatwa joffru bukkett donazzjoni. B'hekk inwettqu dak li nkantaw fl-Antifona ta' Sant'Elena "**Manun suam aperuit inopi et palmas suas extendit ad pauperem, et panem otiosa non comedit." "Fetħet idha mal-fqir, meddet idejha lejn l-imsejken u l-ħobż ma kilitux ma tagħmel xejn."**

Min ikun irid imur l-Uffiċċju Parrokkjali jew isib lil xi wieħed mis-Saċerdoti. Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

## NIFIRĦU

Nifirħu lid-Djaknu Nicholas Dimech li matul din is-sena kien fil-Parroċċa tagħna, u li nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 2011 irċieva l-Ordinazzjoni Sagra. Ad Multos Annos.

Nilqgħu fostna lis-Seminarista William Muscat mill-Parroċċa tal-Mosta li ser jagħmel esperjenza Pastorali. Nilqgħuh u nifirħulu.

---

# WARA L-FESTA

Ħarġa ta' wara l-festa għal Għawdex
Nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2011
Biljetti mill-Uffi"ju Parrokkjali Tel: 21444725
Jane Aquilina Tel: 21488845
Kan. Vincenz Demicoli
Tluq fis-7.00am. Lura mal-vapur tas-7.00pm.

---

# Festa ta' Santu Rokku

It-Tlieta 16 ta' Awwissu fil-Knisja ta' Santu Rokku

**5.30pm** Quddiesa. Wara ssir it-talba lil Santu Rokku u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

---

Ġunju

# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Ludwig Farrugia - Kristina Abela; Kenny Zammit - Roxanne Borg; Matthew Micallef - Nadia Psaila; Doyle Anthony Abela - Annalise Farrugia; Antoine Debono -Christine Marie Abela; Christopher Bugeja - Anna Sammut; Alfred Farrugia - Jessica Anne Bajada; Marco Vella - Lucia Debono; Owen Falzon - Sarah Cachia; Clinton Spiteri - Charisse Mangion.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**

Jamie Oliver Mamo Scicluna; Miguel Mifsud; Katrina Anne Scirto' Gauci; Flowery Ardilion Bahian.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**

Carmel Deguara; Alfred Grixti; Francesca Azzopardi; Maria Fenech; Helen Brincat; Antonio Sammut; Alexia Gatt; Rita Fenech; Carmelo Borg.

Suffraġji

+ **L-aħwa Borg** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Sunny Borg** li jagħlaq 25 sena mejjet fis-6.ta' Awwissu.
+ **Rita Casha** n-nanna ta' **Annabelle** toffri €5.00 b'suffraġju ta' din l-għażiża neputija li tagħlaq 7 snin mejta fil-15 ta' Awwissu.
+ **Ġemma Pullicino u wliedha** joffru €7.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Ġu¿eppi Pullicino** li fit-13 ta' Awwissu jagħlaq 13-il sena mejjet u tal-għeżież ġenituri tagħha **Marija u Franġisku Tabone**..
+ **Maria Mifsud u wliedha** joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Angelo Mifsud** li jagħlaq 6 snin mejjet fit-23 ta' Awwissu.
+ **Jane Grech u wliedha Josef u Dione** joffru €10.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom **Lorenzo Grech** li jagħlaq 6 snin mejjet fil-25 ta' Awwissu.

Ħbieb

Familja Agius; Aħwa Zammit
€2.00c minn Dun Perin Lane permezz ta' Ginnie Grech.
€4.10c permezz ta' Carolina Debono.
€9.00c permezz ta' Helen Demicoli.

LAURENS WATCHES
G.B. JEWELLERY
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679
LORENZ WATCHES